KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru disa' u Ħamsin (59)

## Il-Gimgħa, 15 ta' Frar, 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fit-3:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur Zgħazagħ |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**58.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm apoloġija. Il-Kunsilliera Dr. Josainne Cutajar  informat lis-Segretarja li ma tistax tattendi. Din ġiet skużata minn dawk preżenti.

**58.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-Tmienja u Ħamsin (58) laqgħa tat-Tlieta 15 ta' Jannar, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**58.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ta update tas-Sitwazzjoni Finanzjara b'referenza għal e mail li intbgħat lil Kunsilliera qabel laqgħa. Is-Sindku innota ukoll li kien hemm zieda fit-trench għas-sena 2019 ta' madwar €4,000 kull quarter u li irċevejna l-€10,000 bhala commercial and Touristic Zone.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. Dawn il-Kontijiet kienu:- Wedding trends (poppers għal 8K), Chris Paul Cardona, Franklin Cardona, Perit Edward Scerri, Go plc, Rebecca Camilleri (cikkulata anzjani).

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

## 59.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Quarterly Report Dec 18 u Budget 2019;

Kien hemm l-Accountant tal-Kunsill preżenti fejn spjeġat fit-tul ir-rapporti u rrispondiet numru ta' mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera preżenti.

***Quarterly Report December 2018*** – L-Accountant speġat li l-figuri ta' dan ir-rapport huma kollha actual, bank accounts kollha rikonciljati, anke il-pagi, u jinkludi l-accruals u prepayments.

***FSI Indicator*** – Is-Sindku innota li dan qiegħed kwazi mal-budget minkejja li ma ħallasniex għad-deficit fl-aħħar kwart minħabba spejjeż relatati mac-Charter. Fl-ewwel kwart tal-2019 ġew imħallsa kontijiet pendenti ta' Richard Cauchi li tnaqqas id-deficit u ser inkomplu inħallsu kontijiet

pendenti fuq il-PPP. Fl-aħħar kwart tal-2018 tħallas ix-xogħol li sar fit-Triq il-Qortin u ħafna spejjeż relatati mac-Charter.

Wara diskussjoni mal-Accountant dawn iż-żewġ rapporti ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

***Dan il-ħin ġie skuzat biex joħrog il-Kunsillier Michael Camilleri – 4:15p.m.***

**58.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Laqgħa pubblika-*** Din kellha terggħa tiġi imsejjħa peress li ma ġietx pubblikata qabel fil-gazzetta tal-Gvern. Ma ġie hadd mill-pubbliku għall-laqgħa u għalhekk il-laqgħa ma saritx.

***Data Protection Officer f'isem il-Kunsill Lokali*** – Is-Sindku innota li bhalissa hemm temporanjament persuna mid-DLG pero Peter Ray aċċetta li jiehu l-inkarigu u infatti attenda għal training relatat ma dan.

***Mozzjoni dwar Kuntratt tal-iskrivan***.- Is-Sindku ressaq mozzjoni nru. 1/2019 "Il-Kunsill Lokali għandu fi ħdanu tlett impjegati full-time, li jinkludu lis-Segretarju Eżekuttiv fi skala 7, skrivan fi skala 15, u senior draftsman fi skala 14. L-iskrivan – is-Sur Peter Ray Said (234395M) - ġie ingaġġat fi ħdan il-Kunsill Lokali tan-Nadur matul it-tmien leġislatura u dan wara li l-istess Kunsill Lokali kien affaċjat minn sitwazzjoni fejn l-iskrivana temmet ħesrem l-impjieg tagħha mingħajr tiġdid tal-impjieg fl-aħħar ġurnata tal-kuntratt. Dan il-Kunsill Lokali ingaġġa lil dan l-impjegat bi proċess sħiħ u twil li involva sejħiet interni, esterni u anke pubbliċi, bl-għajnuna ta' Bord ta' Evalwazzjoni magħmul minn nies esperti fil-qasam. Issa li l-kuntratt tal-iskrivan dieħel fl-aħħar sena tiegħu, l-Kunsill Lokali għandu jaċċerta li ma jiġix affaċjat minn ċirkustanzi simili tal-passat u jara li l-iskrivan ikollu l-kuntratt tiegħu mġedded bi tlett snin kif titlob il-liġi Kap 363, Art. 53. Din il-proposta qegħda ssir abbażi tal-esperjenza li akkwista l-istess skrivan fil-post tax-xogħol tiegħu, is-serjeta' li biha hu jittratta kull aspett tax-xogħol tiegħu, tal-għajnuna dejjiema u rispett lejn l-impjegati sħabu u lejn lis-Sindku u Kunsilliera u tal-pro-attivita tiegħu sabiex intejbu is-sistemi li naħdmu bihom u ntejjbu l-effiċjenza. Il-fatt li l-iskrivan dejjem kien puntwali, ma jharisx lejn is-sigħat mitluba biex ikun fuq il-post tax-xogħol, l-inizzjattiva li jieħu waqt l-attivitajiet u anke l-fatt li joqgħod fir-raħal, isaħħu l-bżonn li huwa jibqa' impjegat fi ħdan l-istess Kunsill Lokali. Din il-mozzjoni sabiex jiġġedded l-impjieg tal-iskrivan bi tlett snin, qed tiġi mressqa sabiex nassiguraw kontiwita u ħidma sfieqa, ippreżentata mis-Sindku Edward Said, illum il-Ġimgħa, 15 ta' Frar waqt id-59 laqgħa tal-Kunsill Lokali tan-Nadur".

Din kienet sekondata mill-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u kien favur ukoll il-Viċi Kunsillier Eucharist Camilleri peress li ma kien hemm hadd aktar prezenti.

***Lawn Mower antik***- Dan intrema peress li ma għadux jaħdem.

***Laqgħa Skart Organiku*** – Ser ikun hemm laqgħa fit-8 ta' Marzu li ser tattendi s-Segretarja.

***Hosting Website*** – Kien hemm qbil li din titħallas għal sena bl-ammont ta' €300 lil Andrew Camilleri.

***Dog Bins-*** Is-Sindku innota li ingabru kwotazzjonijiet għal aktar dog bins għax ħallew effett tajjeb – kwotazzjonijiet huma ta:

- 360 Retail – 90eur kull bin.
- Opal – 135eur kull bin

Kien hemm qbil li jinxtraw mingħand Opal peress li dawk li diġa għandna mingħand Opal huma ta' kwalita' tajba.

***Baveno –*** Is-Sindku innota li ser ikun hawn fosta Massimo Tamburini għal weekend. Kien hemm qbil li jiġi offrut ikla u trasport minn naha tal-Kunsill.

***Bus Shelters***- Is-Segretarja innotat li kellha meeting ma' Faces dwar bus shelters fir-raħal. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti li għalissa l-Kunsill ma' għandux bzonn ta' Bus shelters peress li tal-Pjazza hemm il-ħsieb li issir bi stil addatat għal pjazza u mhux tal-ħġieġ

**58.4. Korrispondenza.**

(6392) Seminar –Ħidma kollaborattiva bejn il-Kunsilli Lokali u Entitajiet Governativi minghand id-Direttur Generali

(6393) Ċirkulari 2/2019- Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2018

(6394) Ittra mingħand Marion Mizzi rigward sezzjonijiet. Is-Segretarja ser titlob aktar dettalji fuq dan.

(6395) Ċirkulari AKL 2019/008-Bring history back to life with the Malta Experience Valletta

(6396) E mail mingħand TVM dwar Kwiżż waqt waranofsinhar

(6397) Ittra mingħand Malta Council for the Voluntary Sector dwar kollaborazzjoni fuq kampanja

(6398) PQ8899

(6399) DG/K/02/2019- Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

(6400) Ittra minghand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Brexit

(6401) Cir AKL 2019/009- Proposed charging pillars locations

(6402) Ittra mingħand Fr. Mark Bonello dwar kollaborazzjoni ta' Jum iz-Zgħażagħ. **Kien hemm qbil fuq dan il-kollaborazzjoni**

(6403) Ċirkulari 3/2019- Proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-żbir ta' skart riċiklat

(6404) Ċirkulari AKL 2019/011- Minuti tal-laqgħat tal-Eżekuttiv nr16

(6405) Ittra mingħand Joe Grima- FMVA- dwar Vintage motors festival 2019. **Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħin fuq clearance.**

(6406) E mail mingħand Par. Sec. For Local Government dwar Żieda fil-promozzjoni tal-Kunsilli Lokali

(6407) E mail mingħand the Mediterranean Tourism Foundation dwar Forum

(6408) Ittra mingħand Għaqda Dun Franġisk Grima dwar Laqħa Ġenerali Annwali. **Is-Segretarja attendiet din il-laqgħa.**

(6409) Ċirkulari SPI/3/2019- Fond għaż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

(6410) Ċirkulari SPI/2/2019- Kors- Tqassim tal-Ħin u l-Flus għall-Ġid ta' Saħħtek iffinanzjat mill-PWC b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Kien hemm qbil li l-kunsill japplika għal dan il-kors.

(6411) Urbact Malta info day in Gozo

(6412) Ċirkulari AKL 2019/003- Talbiet jew applikazzjonijiet għal Devoluzzjoni li għandhom pendenti

(6413) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar lista ta' dawk fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi

(6414) Ittra mingħand il-MUSEUM Subien dwar kollaborazzjoni għall-Gimgħa Mqaddsa. **Kien hemm qbil fuq dan il-kollaborazzjoni.**

(6415) Ċirkulari SPI 1/2019- Inizjattiva ta' Ghajnuna ghall-korsijiet lifelong learning 2019/2020. **Kien hemm qbil li jiġu applikati l-kors Basic Digital Photography u Card Making.**

(6416) Ittra mingħand Dr.Mike Galea dwar publikazzjoni ġdida nghix ħajja sabiha. **Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri 10 kotba.**

(6417) Talba mingħand Angelo Camilleri għal kollaborazzjoni fuq plays. **Kien hemm qbil fuq dan il-kollaborazzjoni bl-ammont ta' 250ewro. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri astjena.**

(6418) Ittra mingħand LESA dwar Speed cameras

(6419) Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar seminar informattiv dwar id-Development Planning Fund.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## 59.7 Karnival 2019;

***Press Conference*** – Is-Sindku u s-Segretarja attendaw din il-Press Conference li ħalliet effett tajjeb.

***Reklamar*** – Is-Sindku innota li ser issir billboard, zewg banners u posters.

***Team Organizzattiv*** – laqgħa is-Sibt li gej fil-11am.

**Mementos** – Is-Sindku innota li gew ordnati l-mementos bir-ritratt tal-pittura ta' Paul Muscat.

***Dan u San bil-Bus*** – Dawn ser ikunu fil-Pjazza San Pietru u San Pawl il-Gimgħa, it-Tnejn u t-Tlieta mis-6.30am sa 9:00am. Ser ikun hemm diversi persuni minn Nadur li jħobbu l-Karnival.

***Kuntratti*** – Is-Sindku innota li sar kuntratt ma' kull partecipant tal-Karnival Organizzat. Dan grazzi ukoll ta' l-ideja tal-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri. Is-Sindku innota li l-Programm jinkludi madwar 6 Hilarious, 5 zfin bil-kostum, Zfin Skejjel, Maskeruni, Sketch spontanja u Karrijiet.

***Traffic Management*** – B'laqgħa li saret mas-Supretendent u TM ġie maqbul li kjun hemm one ways u tabelli ta diversions.

***ERRC*** – Is-Segretarja innotat li l-prezz ogħla min tas-soltu, l-ammont hu ta' 3,000 euro. Kien hemm qbil fuq dan il-prezz peress li dan huwa bzonnjuz u m'hemm hadt aktar li lest joffri dan is-servizz.

Kien hemm qbil li jkun hemm filming tal-Karnival Organizzat minn Darren Cassar. Kien hemm qbil ukoll li jkun hemm kollaborazzjoni ma Upper Lip fejn jidhol parti mis-sound għax huma l-unika band li qed jippruvaw idoqqu fil-karnival.

## 59.8 Attivitajiet u Inizjattivi;

**Festa San Blas –** Din il-Festa kienet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill kera mobile toilet u anke generator minhabba problema bid-dawl ukoll.

**Ħarga Anzjani ta' Frar** – Din il-ħarga kienet l-Erbgha 13 ta' Frar u ingħataw rigal għal San Valentinu. Is-Sindku innota li ser nippruvaw norġanizzaw waħda Malta u nlaqqawhom mal-Arcisqof.

**Attivita' tat-Tfal** – Din ser tinzamm il-Gimgħa, 26 t'April fejn ikun hemm train u jmorru c-cinema. Se ssir flyer li titqassam fl-iskola pero jinkitbu l-kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**Wine Festival 2019** – Is-Sindku kellu laqgħa ma' Delicata. Dati ser ikunu 23-25 ta' Awissu. Ġie deċiz li ikun hemm emendi fejn jidhol entertainment u stands tal-ikel. Rigward stands tal-ikel se isiru linji gwida ta kif jarmaw u jippreżentaw lilhom infushom. Rigward entertainment gie maqbul li mmorru għal ftit pero ismijiet tajbin u se jgħinuna aktar huma bhala ħlas. Ser naraw li ikollna band tajba kuljum u DJ tajjeb qabel u wara.

**Għid u Gimgħa Kbira 2019**:

Kien hemm qbil li jsir Kollaborazzjoni mal-Muzew fiċ-Ċena tas-Sinjur.

**Mnarja 2019**

Kien hemm qbil li jsir Kollaborazzjoni f'Big Band Adventures li ser tkun fil-15 ta' Gunju.

Kien hemm ukoll qbil mat-talba tal-Kollaborazzjoni maċ-Ċentru f'Jum iz-Zgħazagħ li ser tkun fil-21 ta' Gunju.

Fis-19 ta' Gunju – Jum it-Tfal.

Fil-25 ta' Gunju – Ikla Tradizzjonali, kien hemm qbil li tiġi mistiedna Mikela Pace.

Rigward il-Wirja Agrarja 2019 is-Sindku staqsa x'ser jigri peress li hadd ma ghandu garanzija min ser ikun fil-Kunsill u din fiha hafna impenn. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li għandha issir laqgħa mall-Kandidati prospettivi u jigi deciz flimkien qabel isir reklamar.

**Eden Network** – se issir l-AGM fir-Romania, 11-12 April u rregistraw is-Segretarju Eżekuttiv- Sue-Ellen u l-Viċi Kunsillier- Eucharist Camilleri. Ġie maqbul li dawn mhux ser jmorru peress li l-flights huma għoljin.

**Charter:**

- Estonia Annual Meeting – 18-22 July (4 adults, 4 youths).
- Cisse 30th Anniversary – 19-23 Sept (2 adults, 2 youths) via Paris, joqgħodu mall-familji.

Is-Sindku issuġġerixxa li issir attivita' għal-għeluq tmien il-Legislatura ta' dan il-Kunsill. Kien hemm qbil li issir riċeviment fil-Kunsill.

Vintage Motor Festival din ser issir fl-24 ta' Marzu fil-Pjazza. Ser ikun hemm Enforcement Officer preżenti.

## 58.7 Proġetti u Xogħolijiet;

***Rural Roads*** – Qed nistennew iċ-ċertifikat tal-Perit.

***Triq Zrajk*** – Fuq din it-Triq beda ix-xoghol u bhalissa qed isiru xi fosos privati.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***Railings Kenuna*** – Is-Sindku innota li dawn ser issiru fix-xhur li gejjin pero se ikun difficli li jitlestew sal-aħħar tal-legislatura.

***Safety Mats*** – Ix-Xogħol kwazi lest u issa l-ħaddiema qegħdin iduru x-xqaq li fadal.

***Outdoor Gym*** – Dan ġie iffirmat il-kuntratt u se jibda ix-xogħol dilwaqt.

***Turf fil-Ground*** – Il-Kunsill irċieva l-pagament u ser ngħaddu lil kuntrattur.

***Xkaffar-*** saru  aktar xkaffar fil-kamra tal-bejt u se isir raf apposta.

**58.8 Offerti Pubblici;**

**NLC/01/2019- Tender for the replacement of steel railings at ta' kenuna residential area-** Triq it-Torri ta' Kenuna and Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur. Kien hemm ħames offerti li waħda biss kienet fil-budget u li kienet l-orħos waħda u konformi li kienet ta' Jason Saliba bl-ammont ta'€49,350 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

**Tender Supply of water and watering of public garden/soft areas in the locality of Nadur** – Din l-offerta reggħet ħarget u tagħlaq fil-21 Frar. Din imbgħad tiġi mgħoddija fil-laqgħa li jmiss.

**58.9 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

Is-Sindku ssuġġerixxa li tingħata għajnuna lil Nursery tan-Nadur għal rizorsi. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku innota li tranga l-Arblu ta' San Blas ghal Festa. Kien hemm qbil.

Is-Sindku innota li saret sieq għal-standard ta' Zafferana. Kien hemm qbil.

Talba għal Ħadida mal-Bankina fi Triq Fatima għax qed ikissruha kull darba. Kien hemm qbil.

Talba għal Yellow Lines mitluba minn TM fi Triq Grunju. Kien hemm qbil fuq dawn peress li kien hemm periklu kbir.

Talba għal no objection mingħand TM għal reserved parking bay fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm talba għal bin u dog bin fil-Gnien il-ġdid fil-Qortin. Kien hemm qbil li peress li dan il-Ġnien mhux tal-Kunsill ghalissa ma jigu installati l-ebda bins.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Talba mingħand il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri biex jiġu ordnati l-bollards għal Pjazza in naha tal-parking. Kien hemm qbil fuq dan.

**58.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fil- 5:30p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu, 2019 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |